

li tikklassifika bħala "gravi" l-marda li wasslet għad-dħul ta' S. Trampuz fl-isptar u l-interventi kirurġiċi li għalihom din ġiet sottoposta, u wara li tikkunsidra bħala inevitabbli u terapewtikament korrett il-perijodu taż-żmien fl-isptar, tiddikjara lir-rikorrenti eżenti minn kull rimbors tas-servizzi mwettqa mill-Uffiċċju likwidatur ta' Ispra u, konsegwentement, tordna lill-Kummissjoni tannulla t-talba għall-ħlas lura tas-somma ta' EUR 41 833 — jew ta' dik is-somma possibilmint differenti li tista' tiġi ddeterminata — u li tastjeni minn kull tnaqqis *ex officio* ta' dan l-ammont mill-pensjoni ta' M. de Pretis Cagnodo;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2010 — Schätzel vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-109/10)

(2011/C 13/86)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Michael Wolfgang Schätzel (Ransbach-Baumbach, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Oehmen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-ħlas ta' allowance tat-tluq lir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku:

— jannulla d-deċiżjoni ta' 8 ta' April 2010, kif ukoll id-deċiżjoni ta' 8 ta' April 2010, kif ukoll id-deċiżjoni ta' 8 ta' April 2010, li tiċħad l-ilment Nru R/351/10, u tordna lill-Kummissjoni tħallsu allowance tat-tluq għas-servizz tiegħu bejn l-1 ta' Marzu 2009 u t-28 ta' Frar 2010, li tikkorrispondi għall-ekwivalenti attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni tiegħu kweżiti matul is-servizz tiegħu mal-Kummissjoni.

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2010 — Couyoufa vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-110/10)

(2011/C 13/87)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Denise Couyoufa (Ateni, il-Ġreċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskriżjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tiġi eżentata mir-rotazzjoni mandatorja.

Talbiet tar-rikorrenti

— jikkonstata illi d-deċiżjoni tal-31 ta' Lulju 2008 hija vvizzjata b'illegalità;

— jannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2010 li tiċħad it-talba ta' D. Couyoufa;

— jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Novembru 2010 — Trentea vs FRA

(Kawża F-112/10)

(2011/C 13/88)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Cornelia Trentea (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Suġġett

L-ewwel nett, annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità Responsabbli għall-Konklużjoni tal-Kuntratti tal-Impjeg, illi tiċħad il-kandidatura tal-appellanti għall-pożizzjoni ta' assistent amministrattiv fl-oqsma tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi u tal-finanzi, u kif ukoll id-deċiżjoni illi taħtar lil kandidat ieħor. It-tieni nett, kumpens għal danni materjali u morali.

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob lit-Tribunal:

— jannulla d-Deċiżjoni tal-Awtorità Responsabbli għall-Konklużjoni tal-Kuntratti tal-Impjeg, tal-5 ta' Ġunju 2010, illi tiċħad il-kandidatura tal-appellanti għall-pożizzjoni (ref. TAADMIN-AST4-2009) u d-deċiżjoni illi taħtar lil kandidat ieħor;